MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 156/2001/1

**Blye Engineering Co. Ltd.**

**vs**

**Joseph u Louise konjugi Salerno**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fl-26 ta' Frar, 2001 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' mitejn u sittin lira Maltin (Lm260) bhala prezz ta' "airconditioner" lilhom mibjugh u kkonsenjat skond "aknowledgment of order" numru 590 tas-26 ta' Awissu 1999 (Dok. A).

Bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja u bl-ispejjez kontra taghhom li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1. It-talba tas-socjeta’ attrici ghandha tkun respinta billi l-airconditioner ikkonsenjat ma kienx tal-kwalita’ mweghda.

2. **Bla pregudizzju** ghall-premess, it-talba attrici ghall-hlas tal-imghax hija legalment insostenibbli billi, jekk dovut, l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tan-notifika tal-avviz.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi.

4. In vista tal-inadempjenzi tas-socjeta’ attrici, l-eccipjenti se jressqu kontro talba.

Rat il-kontro talba tal-konvenuti fejn talbu illi:

Premess illi l-konvenuti xtraw u akkwistaw airconditioner minghand is-socjeta’ attrici;

Premess illi l-airconditioner ikkonsenjat ma kienx tal-kwalita’ mweghda;

Premess illi l-konvenuti jridu jzommu l-airconditioner ikkonsenjat bi prezz aktar baxx skond stima ta’ perit a tenur tal-Art. 1390 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tghid ghalhekk is-socjeta’ attrici ghaliex din il-Qorti m’ghandiex :-

1. tiddikjara u tiddecidi li l-airconditioner minnha kkonsenjat lill-konvenuti ma kienx tal-kwalita’ mweghda.

2. Tiffissa prezz aktar baxx ghall-airconditioner ikkonsenjat skond stima ta’ perit nominand.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta’ attrici li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ attrici ghal kontro-talba tal-konvenuti fejn ecceppiet illi:

1. Il-kontro-talbiet in kwistjoni huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-oggett mibjugh kien tal-kwalita' miftehma kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Ottubru, 2001, fejn innominat lil Vincent Ciliberti bhala tekniku biex jirrapporta dwar it-talbiet tas-socjeta' attrici u l-kontro-talba tal-konvenuti wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet rispettivi.

Rat ir-rapport tat-tekniku minnha nnominat, ipprezentat u mahluf fit-13 ta' Marzu, 2004.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Ikkunsidrat:

F'din il-kawza is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas ta' mitejn u sittin lira ghal airconditioner mibjugh lill-konvenuti fis-26 ta' Awissu, 1999. Dan il-bejgh mhuwiex qed jigi kontestat, pero' l-konvenuti qeghdin jghidu illi l-airconditioner ma kienx tal-kwalita' pattwita ghax ma kienx qed ikessah l-ambjenti li kien intiz ikessah.

Barra minnhekk fil-kontro-talba taghhom qeghdin jitolbu illi jzommu l-airconditioner, pero' bi prezz aktar baxx, fil-kuntest tal-artikolu 1390 Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-artikolu jirregola vertenza bejn bejjiegh u xerrej meta l-oggett konsenjat ma jkunx tal-kwalita' miftehma. Fil-fatt jghid " Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkonsinja ma tkunx tal-kwalita' mweghda, jew ma tkunx bhal kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jirrcievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit."

L-ewwel haga li l-Qorti trid tittedermina quindi, huwa jekk l-airconditioner ikkonsenjat kienx tal-kwalita' mweghda jew ma kienx bhal kampjun illi fuqu l-bejgh ikun sar.

Biex twiegeb din il-vertenza l-Qorti tirrikorri ghall-gwida ghal kawza deciza mill-Corte di Cassazzione ta' Italja fit-18 ta' Dicembru, 1961, "Vitali vs Societa' Bertozzi (no. 2818)". F'din il-kawza l-Corte di Cassazzione ghamlet distinzjoni bejn il-vizzju redibitorju u n-nuqqas ta' kwalita' pattwita, u qalet fost affarijiet ohra b'referenza ghan-nuqqas ta' kwalita' pattwita li …. " *Si a mancanza di qualita' promessa quando la cosa conseniata appartenga per sua natura o per gli elementi che l'ha carrettarisano ad un tipo o ad una spece diversa da quelli pattuiti."*

Ghalhekk, il-Qorti trid tara x'tip ta' airconditioner gie ordnat, x'gie kkonsenjat u kemm kien differenti minn dak illi ried il-klijent.

Irrizulta mill-provi li l-konvenut Joseph Salerno mar ghand is-socjeta' attrici biex jixtri airconditioner. Ghazel wiehed ta' 12000 btu u gie konsenjat dak illi ordna. Gie nstallat u ma hemm l-ebda dubbju li l-installazzjoni saret b'mod professjonali. L-airconditioner ukoll beda' jipproduci l-ammont ta' kesha illi kien disinnjat illi jipproduci. Irrizulta pero' illi dan ma kienx bizzejjed ghall-ambjenti fejn kien installat, u cioe' zewgt ikmamar wiehed jinfed fuq l-iehor b'bieb divizorju.

Il-Perit tekniku u t-*technicians* tas-socjeta' attrici huma konformi meta jghidu illi l-airconditioner kien sufficenti ghal kamra wahda. Pero' ma setghax illahhaq iz-zewgt ikmamar. U hawn qieghed l-ilment tal-konvenut, meta jghid illi huwa ppretenda illi l-airconditioner illi xtara kellu jkun ta' sahha bizzejjed biex ikessah iz-zewgt ambjenti u qieghed iwahhal fis-socjeta' attrici li ma pprovdhiex airconditioner efficenti.

Il-Qorti hawnhekk ma taqbilx mal-konkluzzjonijiet illi wasal ghalihom il-Perit Legali u lanqas ma' l-argumenti tal-konvenut. Il-Qorti tibda' biex tghid illi ma hemm xejn hazin fl-airconditioner supplit. Gie ordnat wiehed ta' 12000 btu,

gie konsenjat airconditioner b'dak il-kapacita' u effettivament jipproduci l-ammont ta' kesha li gie disinnjat ghalih. Quindi hawnhekk il-Qorti ma tarax illi hija kwistjoni ta' nuqqas ta' kwalita' pattwita, ghax l-oggett konsenjat kien bhal dak ordnat u ta' l-istess kwalita' u efficjenza.

Il-kwistjoni bejn il-partijiet pero' hija xa haga ohra. Il-konvenut qed jitfa' r-responsabbilta' ta' l-ghazla tal-airconditioner fuq is-socjeta' attrici ghax qieghed jghid illi din ikkonsenjatlu apparat illi ma kienx tajjeb ghall-ambjenti illi kien ser juzah. Mentri s-socjeta' attrici qeghda tghid illi kien il-konvenut stess illi indika tip ta' airconditioner u hi kkonsenjatlu dak illi ordna.

Hawnhekk, il-Qorti ezaminnat bir-reqqa x-xhieda moghtija bejn il-partijiet u filwaqt illi tirrikonoxxi illi hemm diffikulta' minhabba l-verzjonijiet konfliggenti moghtija, ssib illi fl-ahhar mill-ahhar kif irrizulta mill-provi, kienet decizjoni tal-konvenut illi huwa ghazel airconditioner flok iehor.

Irrizulta illi meta l-konvenut mar ghand is-socjeta' attrici, huwa ndika l-qisien tal-kamra fejn ried ippoggi l-airconditioner. Jekk dawn il-qisien kellhomx ikopru kamra wahda jew tnejn mhuwiex car. Hu x'inhu, r-rapprezentant tas-socjeta' attrici Pauline Cilia rrakkomandat certa sahha. Izda l-konvenut deherlu illi dak illi gie rrakkomandat lilu ma kienx bizzejjed u kienet decizjoni tieghu illi jaghzel airconditioner ta' sahha differenti minn dak suggerit. Il-fatt li Pauline Cilia ma kinitx persuna teknika u kompetenti biex tissuggerixxi airconditioner flok iehor m'ghandhiex influwenza fuq dan il-kaz ghax fl-ahhar mill-ahhar kienet id-decizjoni tal-konvenut illi jiehu airconditioner ta' 12000 btu u mhux iehor ta' sahha akbar.

Il-konvenut jghid illi qabel ma ordna l-airconditioner gie xi *technician* tas-socjeta' attrici sabiex jara l-ambjenti u jirrakkomanda *unit*. Dana la gie michud, lanqas konfermat mis-socjeta' attrici. Pero' jekk verament sar hekk, il-konvenut ma jghidx x'kienet ir-rakkomandazzjoni ta' dan it-*technician* u baqa' jinsisti fuq l-ghazla tieghu illi jgib airconditioner ta' 120000 btu. Il-fatt illi dan ma kienx bizzejjed biex ikopri z-zewgt ikmamar illi huwa ried

ikessah mhuwiex tort tas-socjeta' attrici. Li kieku l-konvenut halla kompletament f'idejn is-socjeta' attrici sabiex tissuggerixxi hi liema kien l-ahjar airconditioner ghal dawk l-ambjenti, allura kien ikollu ragun jilmenta illi s-socjeta' attrici pprovditlu airconditioner mhux tajjeb ghall-uzu li ghalih kien intiz. Izda dan mhuwiex il-kaz f'din il-kawza.

Is-suggeriment tas-socjeta' attrici hazin kif kien, ma giex accettat mill-konvenut u minflok issuggerixxa wiehed hu fuq parir illi tawh xi hbieb tieghu. B'din id-decizjoni l-konvenut ha fuq spallejh il-konsegwenzi teknici ta' l-ordni minnhu maghmula, minflok ma ghaddihom fuq is-socjeta' attrici. Ghalhekk, issa ma jistax b'dan in-nuqqas tieghu jitfa' r-responsabbilta fuq haddiehor kif jghallem id-dritt ruman; *Nullus commodum capere potest de inguria sua propria .* Din is-sitwazzjoni tfisser li l-konvenut ma jistax jiehu vantagg min-nuqqas tieghu u dan n-nuqqas jirrifletti fid-decizjoni tieghu illi jixtri airconditioner ta' certu kapacita' u mhux iehor.

Ghalhekk, il-Qorti ma tarax fondament fl-eccezzjoni tal-konvenuti li l-airconditioner supplit ma kienx tal-kwalita' pattwita u lanqas ma tista' tara fondament ghal kontro talba taghhom u dana il-ghaliex l-airconditioner supplit kien bhal dak ordnat u kien jiffunzjona kif suppost. Ghalhekk, issa li l-konvenuti zammew l-airconditioner huma ma jistghux jopponu aktar ghat-talba tal-hlas tieghu. (Ara Attard Brothers vs Direttur ta' l-Edukazzjoni Appell Inferjuri 4/11/92 ).

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u l-kontro talba taghhom, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsu s-somma ta' mitejn u sittin lira Maltin (Lm260) bhala prezz ta' airconditioner lilhom mibjugh u konsenjat skond *aknowdgelment of order* numru 590 tas-26 ta' Awissu, 1999.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------